MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 37/K6/2012 |
| Data: | It-Tlieta, 28 ta' Frar 2012 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie publikat nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2012. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 36/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
7. Affarijiet oħra jekk urġenti.
8. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 37/K6/2012

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti.

1508. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti.

1509. Dwar minuta 1474, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Udditur tal-Gvern lestew l-awditjar tagħhom tal-finanzi tal-Kunsill illum stess wara ħames t'ijiem jaraw il-kotba tal-Kunsill.

1510. Dwar minuta 1482, il-Kunsill qabel li kont numru 78 jiġi mħallas, filwaqt li kont 68 jibqa miżmum sakemm il-materja tiġi diskussa mal-Perit. E Brincat qal illi kellha issir laqgħa mal-Perit, iżda ma setgħax jattendi. Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa mal-Perit issir fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

1511. Dwar minuta 1485, C Selvaggi spjega aħjar il-problema ta' parkeġġ illegali quddiem 'Casalinga' fi Triq il-Qawsalla. Il-Kunsill qabel li jitlob ghall-laqgħa mal-*manager* tal-kumpanija, billi tintbgħat ittra uffiċjali.

1512. Dott. Grima saqsa kienx hemm żviluppi fuq minuta 1486. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Ispettur, iżda l-Pulizija ma għandhomx post biex iżommu vetturi li jkunu ġew *towed*. Is-Segretarju preżenta ukoll it-tweġiba tal-avukat tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li jitlob għal parir aktar ċar mill-avukat, biex speċifikament naraw jekk hux possibli li karozzi kompletament abbandunati ikunux jistgħu jinġabru mal-ewwel għall-*iscrap*. Il-Kunsill qabel li s-Sindku u Dott. Grima jiltaqgħu mal-Avukat dwar dan nhar il-Gimgħa f'nofsinhar.

1513. M Baldacchino ħarġet mill-laqgħa. Ħin: 18.55

1514. M Baldacchino daħlet fil-laqgħa. Ħin: 18.57

1515. Dwar minuta 1487, E Brincat qal li ressaq l-emendi tiegħu għat-*traffic managment* propost mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Il-Kunsill qabel li dan il-punt jiġi diskuss f'Punt 4 tal-Aġenda.

1516. Dwar minuta 1491, E Brincat qal li daqt isir is-sinjal fuq l-iskall tal-'Emergency Only' peress li bix-xita ta' Frar ftit sar xogħol ta' zebgħa. M Agius qal li saret laqgħa mas-sajjieda, u għandhom ifhemu lis-Segretarju eżatt fejn għandu jiġi dan is-sinjal.

1517. M Agius saqsa dwar minuta 1503. Is-Segretarju qal li l-postijiet ta' parkeġġ ser isiru f'Marzu għax fi Frar ix-xita żammet lura xogħlijiet ta' zebgħa.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Dwar il-Bring in Site ta' Triq L-Irmigg, M Agius qal li ma hux sew li din tneħħiet mingħajr l-approvazjoni tal-Kunsill. Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv spjegaw kif il-GreenMT, mingħajr awtorizzazjoni, qabdu u mexxew il-Bring in Site taħt tieqa ta' resident. Meta s-Segretarju ċempel lill-GreenMT, dawn stqarrew li r-rimi ta' oġġetti b'mod illegali madwar il-Bring in Site kien sar insostenibli, u għaldaqstant mexxewha. Dak il-ħin, flimkien iddeċidejna li aħjar titneħħa b'mod temporanju, sakemm tiġi irranġata l-kwistjoni kollha. Is-Sindku qal li malli ser terġa titpoġġa fejn kienet, ser jerġa jibda d-*dumping* bħas-soltu, u għaldaqstant qal illi l-aħjar ħaġa hi li l-post tal-Bring in Site titnaddaf u ssir *platform* tal-konkos biex forsi d-*dumping* jonqos. Il-Kunsill qabel li ssir l-*platform* tal-konkos malajr kemm jista ikun u jerġgħu jitqegħdu l-Bring in Sites.

1518. Dwar minuta 1505, E Abela qal li ser ikellem lid-Dipartiment għal Kura tal-Anzjani biex il-vannijiet tad-Day Centre jiġu iffinanzjati minnhom ukoll.

Punt 3 Korrispondenza.

1519. 1606; 0218 – Is-Segretarju ressaq dawn il-korrispondenza dwar ħsarat fuq vetturi ta' terzi persuni. Il-Kunsill qabel li jħallas għad-danni soffruti.

1520. Is-Sindku qara' e–mail mis-Segretarju Ezekuttiv dwar talba għal *vacation leave* bejn it-12 u 15 ta' Marzu 2012, sabiex ikun jista jitla Londra għal gradwazzjoni. Il-Kunsill approva.

1521. 0213 – Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi ser issir laqgħa fil-Każin tal-Banda dwar preparamenti bejn l-Għaqdiet għall-Festa ta' San Gużepp.

1522. 0212 – Is-Sindku spjega li din il-kumpanija qegħda tgħamel inizjattiva fejn tieħu ritratti ta' postijiet fl-Imsida, u iġġibhom jidru b'mod virtwali 3D. L-ispiza hija ta' madwar €300. Il-Kunsill qabel.

1523. 0171 – Is-Sindku qara' din l-email mibgħuta mill-Kunsillier M Agius, dwar il-bżonn illi l-kampanja favur aktar indafa fl-Imsida tittieħed b'aktar serjeta. Il-Kunsill qabel li terġa tinħareġ sejħa għall-kwotazjonijiet għax-xiri ta' boroż tar-riċiklaġġ.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jitlob il-parir tal-avukat kif jistgħu jinġiebu l-ismijiet tal-persuni responsabbli mill-flats fl-Imsida skond il-*Condominium Act*. Il-Kunsill għandu umbgħad jibgħat ittra ta' twissija lil dawn il-persuni biex jgħamlu ċert illi ir-residenti tal-flats josservaw il-liġijiet.

Dott. Grima qal li ser jlaqqa s-Sotto Kumitat dwar l-Indafa u jgħamel programm ta' azzjoni.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1524. 0159 – Is-Sindku qara' e-mail min għaqda ta' studenti tal-MCAST bl-isem 'SpeakOut', fejn dawn talbu biex jibdew jiltaqgħu ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill darba fix-xahar. Il-Kunsill qabel.

Punt 4 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

1525. Iċ-Cerperson qalet illi l-Kumitat ser jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali illi l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara mhux jikkoopera mal-Kumitat.

1526. Iċ-Cerperson qalet illi l-Kumitat qabel mal-proposti għal tibdil fit-*traffic management* kif propost min E Brincat u ser iressqu din l-proposta finali lill-Transport Malta.

1527. Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 20.00

1528. E Brincat ħeġġeġ lill-Kumitat jonfoq ftit tal-flus biex ibiddel it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

1529. Is-Sindku daħal fil-laqgħa. Ħin:20.04

Punt 5 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1530. Is-Sindku preżenta l-lista ta' pagamenti tal-kontijiet. Il-lista ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera.

1531. Il-laqgħa ġiet sospiża. Ħin: 20.13

1532. Il-laqgħa kopliet. Ħin: 20.25

Punt 6 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1533. Kumitat tal-Iskall fi Triq ix-Xatt – Sar qbil illi l-ilmenti għandhom jaslu għand is-Sindku u dan għandu jgħaddihom lill-Ispettur tal-Pulizija. Dott. Grima qal illi għalkemm is-Segretarju mhux parti mill-Kumitat skond il-Bye-Law, dan xorta għandu jiġi infurmat b'kull korrispondenza.

Punt 7 Materji oħra jekk Urġenti

1534. Is-Sindku ressaq il-proposta li jsiru laqgħat mar-Residenti u li dawn il-laqgħat jitqasmu fuq id-dati ta' 22 u 29 ta' Marzu u it-12, 19 u 26 ta' April. Sabiex inħeġġu l-attendenza, r-residenti għandhom jiġu infurmati b'ittra li titqassam fid-djar tagħhom u li dawn il-laqgħat isiru fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel.

1535. E Brincat ressaq biex titqiegħed ħamrija f'parti vojta fi Triq Ballijju Guttenberg is-Swatar; jitneħħa l-armar tal-Klabb tal-Futbol min fejn il-Monument

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

tal-Ħaddiema; u sabiex nivverifikaw mal-kuntratt tal-Perit jekk il-Perit hux jonqos bil-mod kif qiegħed jgħati is-servizz tiegħu lejn il-Kunsill.

1536. Is-Sindku qal illi s-Sotto Kumitat għal Għażla ta' Skrivan/a reġa għal darba oħra ra l-lista ta' persuni li bgħatu l-ETC fuq *Phase 1*. Is-Sotto Kumitat innota li ħadd ma għandu esperjenza ta' xogħol f'Kunsilli Lokali u għaldaqstant ser isejjaħ għal lista oħra ta' persuni kwalifikati.

Punt 8 Aġġornament

1537. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2012.

1538. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.58

Approvati llum ______________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Clifton Grima<br>Sindku | Matthew Dimech<br>Segretarju Ezekuttiv |



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com